**Il-Madonna tal-geddum**

O Madonna kemm int sabiħa
Kull darba li niġi nżur 'l ommi,
Ma nistax ma nħarisx lejk w ngħidlek
Dak li l-Mulej jqegħdli fuq fommi.

Aktar ma nħares lejk nintebaħ
Li fuq wiċċek għandek il-geddum,
Hekk kif rajtu taf li xxukkjani
Ħsibtu xogħol dak tan-nugrufun.

Int taf O Madonna kemm jaħdem
Moħħu li jinfed il-qalb tan-nies,
Bil-ġlied, bix-xeħħa u l-vendetta
Basta jgħaddishom fi mrar bla qjies.

Imma meta jiena staqsejtek
Jekk dal-geddum kienx tassew tiegħek,
Int ħadt nifs 'il ġewwa w weġibtni
Bl-imħabba t'Alla li hemm miegħek:

"Ibni dak il-geddum mhux tiegħi
Imm'għażilt nilbsu xorta waħda,
Bih ridt inwassal messaġġ 'l-ġemgħa
Li bħalissa x'waħda hi mħawda.

Lil diċ-ċorma irrid ngħidilha
Li jien imnikkta għall-uliedi,
Li narahom ibatu u jibku
Tabtijiethom taqlagħli fwiedi.

Possibbli Missieri w Missierkom
Li tħobbu 'l xulxin ma qalilkomx?
X'qed tistennew li tgħixu l-kelma?
Ħajja wisq x'tgħixu ma baqalgħkomx.

Għalhekk nilbes maskret in-niket
F'dik il-ħarsa mnikkta bħal geddum,
Imma dik mhux ħarsa mimlija
Bl-imrar tal-ġlied li jitfa'fl-irdum.

Dik ħarsa mbikkija t'omm ħanina
Li tibki l-uliedha imxerrdin,
Dik ħarsa ta' zija mħollija
Minn neputijiet tant miġġieldin.

Imma jiena mis-sema nħares
Lill-uliedi li huma mfarrkin,

Għalihom jiena nagħmel kollox
Sakemm narahom m’Alla maqgħudin.

Ma jimpurtax li nibqa’ nidher
Hekk xokkanti, nilbes il-geddum,
Forsi fl-aħħar il-qalb tinfetaħ
Ir-ruħ tfiq w għall-grazzja t’Alla tqum”.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta’ Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.